**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 10 ta' Ottubru, 2016

**Il- Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**-vs-**

**Ritienne Chircop, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 173877M.**

Kumpilazzjoni Nru. 166/2009

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Ritienne Chircop, talli:

Fl-24 ta' April, 2008, għall-ħabta tal-4:20pm fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, saqet vettura nru. VIV – 151 (1) b'manjera traskurata (2) perikoluża (3) u bla kont (4) kif ukoll b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġuni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew prosfessjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, tajret lil Emanuela Muscat u involontarjament ikkaġunatilha offiżi ta' natura gravi skont kif ċċertifika Dr Rene Camilleri M.D. ta' Mater Dei Hospital.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tiskwalifika lill-imputata mill-licenzji kollha tas-sewqan.

Rat in-nota tal-Avukat Generali tal-14 ta' Dicembru, 2011,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

[1] Fol.154

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f' April, 2008, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fl-4 ta' Frar, 2016.

Illi dan il-kaz jirrisali ghall-incident li sehh fi Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar fl-24 t'April, 2008, meta Emanuela Muscat kienet intlaqtet minn vettura misjuqa mill-imputata fil-hin li kienet qed tirriversja sabiex tipparkja f'dik it-triq. Mistoqsija dwar l-incident minn WPC31 l-anzjana qalet li l-vettura *"laqtitni fuq genbi tax-xellug bil-konsegwenza li spiccajt mal-art."*[2] Fil-fatt hi soffriet ksur fir-'radius' u l-'ulna' tax-xellug kif ukoll tbengil fuq gbinta tax-xellug.[3].

Meta xehdet il-parte leza din spjegat li hi kienet fit-triq ser taqsam fil-kantuniera li tigi bejn it-triq principali (Triq San Pawl) u s-side street (Triq il-Parocca) meta l-imputata kienet ghaddiet minn quddiemha u xhin wasslet quddiem il-knisja li hemm fi Triq San Pawl, rriversjat, baqghet tiela fuq il-bankina fejn Muscat kienet wieqfa u cioe` mal-kantuniera (li hi 'sloped' sabiex ikun hemm access ghall-'pushchairs', tant li l-rota ta' wara baqghet tperper). Tixhed li x'hin ratha gejja minn naha tal-kazin [tal-banda] *"inzilt jiena minn fuq il-bankina biex nitla lejn id-dar tieghi hux."*[4] Tghid li l-imputata xhin wasslet quddiem il-Knisja, *"telghet il-bankina, r-rota tperper l'hawn hekk u dahhlet fuq ta' gewwa fejn kienet hi ssuq u baqghet miexja hekk....imbaghad il-bumper nizel jigri ghax ir-rota kienet ghadha l-barra u waddbitni on this side..."*[5] u dan ghax kienet sabet *parking place* fejn kienet wieqfa Muscat. Ticcara *"<u>Mhux laqtitni mbuttatni bil-bumper hu</u>.....imbaghad dort zewg dawriet jiena sabtitni ma l-art hu ..."*[6] In kontro-ezami tghid li peress li ma kienux gejjin karozzi ma kellhiex ghalfejn taqsam minn fuq iz-zebra crossing li hemm quddiem il-Knisja. Hi rat lill-imputata tghaddi minn quddiema *"u x'hin wasslet hdejn il-knisja rriversjat .....mal-knisja rriversjat fuq il-bankina u giet b'kemm kellha....".* Tghid li d-daqqa bil-bumper haditha fuq in-naha tal-lemin.

[2] Fol.151

[3] Fol.2; Vide Xhieda Dr Rene Camilleri fol. 108.

[4] Fol.44

[5] Fol.45

[6] Fol.46

Tikkonferma li xhin ratha gejja mit-triq principali nizlet minn fuq il-bankina *"minn fejn jghaddu xi pushchairs u xi wheelchair, inzilt ghax x'hin rajtha gejja…kont tiela Parish Street mhux il-main road ta ghax jiena qatt ma kont fil-main road…Bil-kemm ma zammejtilhiex il-karozza jien.."*[7]

Din id-dikjarazzjoni tigi kkoroborata minn Anthony Zammit, kugin ta' Muscat, meta jghid li ra lil Muscat tilqa l-karozza[8]. Jghid li Muscat inqalbet fuq in-naha tal-lemin tal-vettura, u sabha mimduda fuq genbha bejn ir-rota ta' wara u l-bieba.[9] Dwar il-vettura Zammit jixhed *"..kienet gejja b'lura minn triq li mhux suppost tigi sewwa, ghax kienet maghluqa t-triq one way"* meta Muscat kienet gja qassmet it-triq. Ra l-ahhar mumenti tal-vettura tirriversja u jghid li lill-Muscat qatt ma raha fuq il-bankina izda fit-triq u raha tilqa l-vettura b'idejha l-quddiem u taqa'. Itemm jghid li l-imputata kienet gejja min-naha tat-triq li hi maghluqa u ghalhekk mhux suppost giet minnha. Jghid li ommha kellha tarbija fuqha *"kienet qed timblokka l-mera ta' wara sewwa".*[10]

Dr Christian Zammit jixhed li l-parte leza baqghet rikoverata Karen Grech sal-4 ta' Gunju, 2008, u ghalkemmgiet rilaxxata kellha bzonn timxi bi *tripod*. Dr Rene` Camilleri kien iccertifika l-griehi mgarrba mill-parte leza bahal gravi minhabba fil-ksur li soffriet.

PS715 Lucian Gatt jixhed li meta kien wasal fuq il-post tal-incident sab il-vettura misjuqa mill-imputata f'salib it-toroq hdejn il-Kazin tal-Banda fit-triq principali. L-imputata kienet qaltlu li kif kienet qed tirriversja ghal go Triq San Pawl, l-parte leza kienet qed taqsam minghand tal-haxix u *"lqatta b'wara tal-karozza."* Jghid li l-vettura ma kellha l-ebda hsarat u li l-imputata kienet qaltlu li kienet ser tipparkja hdejn tal-laham. Izid li skond il-verzjoni ta' Muscat hi kienet ghand tal-haxix fis-*side street* magenb il-knisja kif jidher fuq l-isketch a fol.8 li gie kkonfermat ukoll minnu.

WPC31 Susan Muscat tixhed li meta kellmet lill-parte leza qaltilha li kienet qassmet it-triq *"u xhin wasslet hdejn il-bankina giet karozza li rriversjat lura u laqtitni fuq genmbi tax-xellug….."*[11]

Ritienne Chircop ghazlet li tixhed u spjegat li kienet qed issuq b'ommha u binha fuq wara tal-vettura. Tghid li kienet waqfet fi Triq San Pawl quddiem il-Kazin tal-PN, ftit l-isfel mill-Knisja, biex tipparkja u malli bdiet tirriversja semghet xi hadd

[7] Fol.55
[8] Fol.143
[9] Fol.144
[10] Fol.150
[11] Fol.151

jahbat mal-vettura. Tghid li kienet ghada fit-triq magenb karozza ipparkjata biex tidhol tipparkja warajha u sabet lill-parte leza taht il-bieba tal-karozza taghha, wara d-*driver's seat* bejn iz-zewg karozzi. L-imputata cemplet ghall-ghajnuna lil Dr Michael Gonzi. Tixhed li semghet lil Muscat tghid lin-nies li ngabru sabiex imorru jitfu l-'griglioso' ghax hi kienet sejra titfi l-'griglioso' qabel ma ntlaqtet. In kontro-ezami tghid li l-ewwel darba li rat lil Muscat kienet meta ratha mal-art.

Victoria Cuschieri li kienet fil-vettura ma bintha, l-imputata, xehdet li hi kienet qed izzomm lin-neputi fuq is-*seat* ta' wara u kienu sejrin lejn il-hanut taghhom li hu sitwat faccata tal-Knisja. Xhin l-imputata kienet wieqfa ftit angolata biex tipparkja, bl-*indicators* mixghulin, semghet hoss. Tghid li semghet lil Muscat tghid lin-nies sabiex jitfu l-'griglioso'. Tikkonferma li bintha kienet xeghlet l-*indicators* u li l-parte leza kieku ma nizlitx minn fuq il-bankina ma setghetx tintlaqat.

Din il-Qorti, kif preseduta, zammet access fuq il-post tal-incident nhar is-16 ta' Marzu, 2016, fil-presenza tal-partijiet inkluz il-parte leza. Fir-rapport tieghu l-Perit Tekniku Mario Buttigieg jikkonkludi li l-imputata saqet b'mod perikoluz u negligenti meta fil-hin li kienet qed tirriversja ma haditx l-prekawzjoni rikjesta meta kien hemm terzi fuq il-bankina. Hawnhekk irid jinghad li hu cjar li l-istess espert erronjament jirreferi ghal Triq il-Parocca meta qed jirreferi Triq San Pawl (it-triq principali fejn tinsab il-knisja) u ghal Triq San Pawl ghal dik li hi Triq il-Parocca (is-*side street*) hekk kif jixhdu id-diversi ritratti u l-skizz a fol. 8, 234-235 li ma jhallu ebda dubbju dwar id-dinamika u l-lok tas-sinistru. Dan ma jnaqqas xejn mill-validita` tal-konkluzzjonijiet tal-perit tekniku, li din il-Qorti taqbel maghhom pjenament, u li ftit ihallu lok ghal interpretazzjoni. L-imputata kellha l-obbligu li tippresta l-attenzjoni taghha meta qed taghmel manuvra ta' *reversing*. Ma zammitx *a proper look out* hekk kif jistipula r-Regolament 81 tal-Malta Vehicle Regulations. Jikkonferma li l-parte leza ntlaqtghet bi sbrixx izda dan kien bizzejjed sabiex tizbilancja ruha bil-konsegwenzi li soffriet diversi griehi.

Illi rilevantissimu hu l-fatt li jidher li l-vittma ma kienitx ezatta fil-verzjonijiet moghtija minnha, partikolarment dik moghtija quddiem il-perit tekniku ghax li kieku kien minnhu dak li xehdet, il-griehi kienu jkunu bil-bosta aghar b'konsegwenzi ferm iktar koroh ghaliha.

Illi dak li messha ghamlet l-imputata kien li peress li kienet f'*intersection* kien imissha regghet daret id-dawra kollha tat-triq, tinzel minn fejn hemm il-Bank of Valletta, imbaghad terga tavvicina l-*parking space* li kienet lemhet. Buttigieg jikkonferma li galadarba fi kliemha l-imputata kienet bdiet tirriversja hi kellha obbligu izzomm *a proper look out*.

Mill-atti proceswali jirrizulta li l-imputata qatt ma rat lill-parte leza u indunnat bl-akkadut malli semghet hoss. Dan jikkoroborra dak li kkonluda l-perit tekniku li kieku l-imputata harset mill-mera ta' wara jew mill-mirja tal-gnub tal-vettura, kienet taraha fil-hin. Ma jridx jitnesa li l-parte leza bdiet tilqa' l-vettura (kif ikkonferma Anthony Zammit) b'idejha l-barra u ghalhekk certament <u>kien hemm perjodu qasir li kieku gie ezercitat *a proper look out* dan l-incident seta' gie evitat jew tal-inqas ma kienx ikollu l-konsegwenzi odjerni.</u>

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Christopher Brincat**,[12] dik il-Qorti ghamlet ezami approfondit fuq dak li jikkostitwixxi id-dmir tas-sewwieq kif ukoll l-obbligi tal-*pedestrian*, hekk kif deciz mill-Qrati taghna. F'dik is-senetnza giet ikkowotata d-decizjoni tal-Qorti' l-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri per. Imhallef J. Galea Debono) fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Robert Brincat,** deciza fit-22 ta' Novembru, 2007, fejn il-Qorti ghamlet referenza ghal gurisprudenza kopjuza f'dan ir-rigward. Il-Qorti stqarret:

""*Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."*
(App. Krim. **"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"** [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-
*"Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoini ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian ."* (App.Krim. **"Il-Pulizija vs. Alfred Caruana"** [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

*"Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. George Muscat"** [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Gie ukoll ritenut li "*ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam.." "Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva."* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J.**

[12] Onor. Magistrat Dr Edwina Grima

**Formosa"** Kollez. XLIII, p.iv. p.1023). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. *"meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat"* (App. Krim. **"Il-Pulizija vs. J. Thornton"** Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)."

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet:

"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-pedestrian meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet

a) "che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;
b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;
c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.""

Il-Qorti kompliet tghid:

"Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "*Hu dover ta' "driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella" -** [10.8.1963] ) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well."* ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].)

Illi mbaghad, anki kieku l-pedestrian forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam," (f'dana il-kaz il-vittma kienet mara) "dan ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex - apparti mill-fatt li fuq il-*pedestrian crossing* hi kellha tinghata precedenza mill-awtista - f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-pedestrian f' dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano**"[3.11.1963]**"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud"** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-*"contributory negligence*" ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim."**Il-Pulizija, vs. P.Vassallo",** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]).

Umbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-pedestrian, dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar."

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Anthony Spiteri:** "Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati. Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal

sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali.""

Illi l-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet ukoll li-
"… biex nuqqas ta' proper look out iwassal ghall-responsabbilta penali l-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kenitx issehh f'dak il-grad li effettivement sehhet..."[13].

Illi r-Regolament 81 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Ligi Sussidjarja 65.11 jipprovdi:

> 81. Kull min isuq vettura ma ghandux iregga' lura izjed 'il boghod jew f'izjed milli jkun bilfors mehtieg u ghandu jiehu dawk il-prekawzjonijiet li huma mehtiega biex jiskansa habta jew incident ma' nies jew vetturi ohra fit-triq.

Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Maximilian Ciantar**[14] ddikjarat

"Illi x'jikkostitwixxi sewqan traskurat, bla kont, u perikoluz huwa ukoll pacifiku f'l-ordinament gurikdiku taghna. *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza taddisposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt fissubartikolu (2) ta' l-imsemi artikolu 15 bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita' ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tliet forom ta' sewqan...* [15]

Illi maghdud dana kollu jirrizultaw zewg fatturi importanti sabiex jigi determinat ir-responsabbilta` ghal dana is-sinistru:

1. L-imputata qatt ma setghet tirriversja ghal go triq principali bhalma kienet Triq San Pawl li fuq kollox kienet a *one-way street*.
2. L-imputata naqset milli zzomm *a proper look out* billi hija u tirriversja thares minn gol-mirja. Li kieku sehh dan kienet zgur tilmah lill-Muscat fuq il-bankina.

Illi mil-provi prodotti, jirrizulta li kien hemm sewqan traskurat (*negligent driving*) da parti tal-imputata.

---

[13] Pulizija vs Joseph Grech deciza 06.06.2003
[14] Onor. Magistrat Dr. Doreen Clarke, 27.07.2011
[15] Pulizija vs Alfred Mifsud Appell Kriminali deciz 06.05.1997.

Illi maghdud dana kollu, l-Qorti tistqarr illi f'dana l-incident kienet kien hemm in-negligenza kontributorja tal-vittma ukoll. Illi l-vittma naqset milli tuza *pedestrian crossing* li kienet fil-vicin. Dwar ir-responsabbilta` tal-*pedestrian*, l-**Highway Code** jghallimna illi meta nigu biex naqsmu triq ghandhom jigu imhares is-segwenti regolamenti:

*22. L-ewwel sib post bla periklu minn fejn taqsam. Hafna ahjar li taqsam minn subway, pontijiet ghall-passa; bilmixi, islands, zebra (postijiet ta' qsim ghall-pedestrians) jew pelican crossing, jew fejn hemm post minn fejn taqsam taht il-kontroll ta' ufficjal tal-pulizija, school crossing patrol jew gwardjan tat-traffiku. Inkella aghzel post minfejn tkun tista' tara sew in-nahat kollha. Ipprova evita li taqsam minn bejn vetturi pparkjati u kisriet f'daqqa u lquccata ta' telghat. Mur f'post fejn is-sewwieqa jkunu jistghu jarawk sew.*

*23. Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk iħallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun ġej xi ħadd. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk żomm lura mit-tarf tat-triq iżda kun żgur li tista' tara t-traffiku li jkun ġej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek.*

24. *Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġġu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, għax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah*.

25. *Jekk tkun ġejja xi vettura, ħalliha tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u inti tkun żgur li hemm ħafna ħin. Ftakar, anke jekk vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċità kbira*.

26. *Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq, tigrix, tmurx lagenba. Ibqa' hares u issemma' ghat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfaccja xi traffiku ghall-gharrieda*. (sottolinjar tal-Qorti)

Illi ma hemmx dubbju illi Emanuela Muscat sofriet griehi ta' natura gravi f'dana l-incident u dana kif jirrizulta mix-xhieda tat-tobba partikolarment ta' Mr Ivan Esposito li ghalkemm qatt ma ttella' bhala xhud sabiex jikkonferma r-rapport a fol.13 et seq., fejn jidher li soffriet permanent disability ta' 4%, d-difiza ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq lil kirurgu Esposito bhala xhud filwaqt li qed jistriehu fuq ir-raapport mediku tieghu Dok.E10.[16]

[16] Fol.80

Illi meta tigi biex tikkonsidra il-piena li ghandha tigi inflitta, l-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni l-fedina penali pjuttost nadifa tal-imputata, izda fuq kollox il-fatt illi l-vittma f'dana l-incident ikkontribwixxiet ghas-sinistru meta iddecidiet ma tuzax il-*pedestrian crossing* li kien biss ftit il-boghod.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta u regolament 81 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, issib lill-imputata hatja ta' l-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u tikkundannaha thallas multa ta' elf u mitejn ewro (€1200).

Inoltre b'applikazzjoni ta' l-artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputata ghal tmint ijiem. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja minn nofs il-lejl u minuta ta' llum.

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed tordna lill-imputata thallas lir-Registratur tal-Qorti is-somma ta' €348.57 in konnessjoni ma' l-ispejjez peritali.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**